



Brussell, 14 ta' Lulju 2025
(OR. en)

11563/25

**EF 242
ECOFIN 997
DROIPEN 80
ENFOPOL 270
CT 96
FISC 171
COTER 144
DELACT 100**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn: Is-Segretarju Ĝeneralu tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur

data meta waslet: 14 ta' Lulju 2025

lil: Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ĝeneralu tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Nru dok. Cion: C(2025) 4724 final

Suġġett: REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...
ta'8.7.2025
li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2025/xxxx [ĠU, jekk jogħġġobkom
imlewhaj]
[ir-Regolament Delegat C (2025) 3815 final adottat fl-10.6.2025]
biex jintroduċi klawżola ta' rieżami

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2025) 4724 final.

Mehmuż: C(2025) 4724 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.7.2025
C(2025) 4724 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'8.7.2025

**li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2025/xxxx [*ĠU, jekk jogħġobkom imlewha*]
[ir-Regolament Delegat C (2025) 3815 final adottat fl-10.6.2025]
biex jintroduċi klawżola ta' rieżami**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Skont l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva (UE) 2015/849⁽¹⁾, il-ġuriżdizzjonijiet ta' pajjiżi terzi b'nuqqasijiet strateġiċi fir-reġimi tagħhom kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu (anti-money laundering/countering the financing of terrorism - AML/CFT) li joħolqu theddid sinifikanti għas-sistema finanzjarja tal-UE (“pajjiżi terzi b'riskju kbir”) iridu jiġi identifikati sabiex jiġi protett il-funzjonament tajjeb tas-suq intern.

L-Artikolu 9(2) tad-Direttiva (UE) 2015/849 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati biex tidentifika dawn il-pajjiżi terzi b'riskju kbir, filwaqt li tqis in-nuqqasijiet strateġiċi. Jistabbilixxi wkoll il-kriterji ġhall-valutazzjoni tal-Kummissjoni. L-atti delegati jridu jiġi adottati fi żmien xahar wara li jkunu ġew identifikati n-nuqqasijiet strateġiċi.

L-Artikolu 18a tad-Direttiva (UE) 2015/849 jistipula li l-Istati Membri jkollhom jirrikjedu li l-entitajiet marbutin b'obbligu japplikaw miżuri ta' diliġenza dovuta tal-klijenti msaħħha meta jistabbilixxu relazzjonijiet ta' negozju jew iwettqu tranżazzjonijiet li jinvolvu pajjiżi terzi b'riskju kbir identifikati mill-Kummissjoni.

Fl-14 ta' Lulju 2016, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament Delegat (UE) 2016/1675, li identifika għadd ta' tali pajjiżi terzi b'riskju għoli.

Il-Kummissjoni ppubblikat metodoloġija riveduta għall-identifikazzjoni ta' pajjiżi terzi b'riskju kbir fis-7 ta' Mejju 2020². It-tliet aspetti l-ġodda ewlenin huma interazzjoni akbar mal-proċess ta' elenkar tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (Financial Action Task Force, FATF); involviment imsaħħaħ mal-pajjiżi terzi; u konsultazzjoni aħjar mal-Istati Membri u mal-Parlament Ewropew.

In-natura li dejjem tinbidel tat-thejjid tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu, li huma ffaċilitati mill-iżviluppi kostanti tat-teknoloġija u mill-mezzi għad-dispożizzjoni tal-kriminali, teħtieġ adattament kontinwu tal-qafas legali dwar il-pajjiżi terzi b'riskju kbir sabiex jiġi indirizzati b'mod effiċjenti r-riskji eżistenti u jiġi impediti oħrajn ġodda.

Fl-10 ta' Ġunju 2025, il-Kummissjoni adottat Regolament Delegat tal-Kummissjoni³ biex temenda l-lista ta' pajjiżi terzi b'riskju kbir stabbilita fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1675. Dak l-att emendarju segwa r-rakkmandazzjonijiet tal-FATF, li jistabbilixxi l-istandardi internazzjonali.

Pajjiżi li mhumiex identifikati pubblikament bħala soġġetti għal sejħiet għal azzjoni jew monitoraġġ akbar mill-FATF xorta jistgħu jkunu ta' theddida għall-integrità tas-sistema finanzjarja tal-Unjoni. Meta s-sħubija ta' tali pajjiżi fl-FATF tīġi sospiża minħabba ksur serju tal-prinċipji ewlenin li l-FATF hija mibnija fuqhom, it-thedda għas-sistema finanzjarja tal-Unjoni x'aktarx tiżid. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tieħu azzjoni deċiżiva biex tippreserva l-integrità tas-sistema finanzjarja tal-Unjoni u tleсти valutazzjoni awtonoma ta' jekk tali pajjiżi humiex pajjiżi terzi b'riskju kbir kif imsemmi fl-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE)

¹ Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73).

² Dokument ta' ħidma tal-personal tal-Kummissjoni dwar metodoloġija għall-identifikazzjoni ta' pajjiżi terzi b'riskju kbir skont id-Direttiva (UE) 2015/849 (SWD(2020) 99 final).

³ C(2025)3815.

2015/849. Fil-qafas tas-sitwazzjoni ġeopolitika attwali, importanti li l-Kummissjoni taġixxi malajr.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Fis-7 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni kkonsultat lill-Grupp Espert dwar il-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu dwar l-abbozz tar-Regolament Delegat bi proċedura bil-miktub.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

Dan ir-regolament delegat jintroduċi klawżola ta' rieżami għall-att delegat tal-10 ta' Ġunju 2025⁴ li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2016/1675.

⁴

C(2025)3815.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'8.7.2025

**li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2025/xxxx /ĠU, jekk jogħġġobkom imlewha/
[ir-Regolament Delegat C (2025) 3815 final adottat fl-10.6.2025]
biex jintroduċi klawżola ta' rieżami**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE⁵, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tagħha,

Billi:

- (1) Fl-10 ta' Ġunju 2025, il-Kummissjoni adottat Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/xxx /ĠU, jekk jogħġġobkom imlewha⁶ biex temenda l-lista ta' pajjiżi terzi b'riskju kbir stabbilita fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1675⁷. Dan l-att emmadorju segwa r-rakkomandazzjonijiet tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (Financial Action Task Force, FATF), li jistabbilixxi l-standards internazzjonali.
- (2) Pajjiżi li mhumiex identifikati pubblikament bħala soġġetti għal sejħiet għal azzjoni jew monitoraġġ akbar mill-FATF xorta jistgħu jkunu ta' theddida għall-integrità tas-sistema finanzjarja tal-UE. Meta s-sħubija ta' tali pajjiżi fl-FATF tiġi sospiża minħabba ksur serju tal-prinċipji ewlenin li l-FATF hija mibnija fuqhom, it-thedda għas-sistema finanzjarja tal-Unjoni x'aktarx tiżdied. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tieħu azzjoni deċiżiva biex tippreserva l-integrità tas-sistema finanzjarja tal-UE u tlesti valutazzjoni awtonoma ta' jekk tali pajjiżi humiex pajjiżi terzi b'riskju kbir kif imsemmi fl-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2015/849. Fl-isfond tas-sitwazzjoni ġeopolitika attwali, importanti li l-Kummissjoni taġixxi malajr. Għalhekk xieraq li jiġi previst obbligu għall-Kummissjoni li tikkonkludi tali valutazzjoni sal-31 ta' Diċembru 2025. Biex jiġi kkomplementat l-approċċ segwit mir-Regolament Delegat (UE)

⁵ ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2015/849/oj>.

⁶ ĠU, jekk jogħġġobkom imlewha.

⁷ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1675 tal-14 ta' Lulju 2016 li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jidentifika pajjiżi terzi b'riskju kbir b'nuqqasijiet strateġiċi (ĠU L 254, 20.9.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2016/1675/oj).

2025/yyyy [ĠU, jekk jogħġġobkom imlewha], jenħtieġ li tali obbligu jiġi introdott f'dak ir-Regolament.

- (3) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2025/yyyy [*ir-Regolament Delegat adottat fl-10.6.2025 C(2025) 3815, ĠU jekk jogħġġobkom imlewha*] jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fir-Regolament Delegat (UE) 2025/yyyy [*ir-Regolament Delegat adottat fl-10.6.2025 C(2025) 3815, ĠU jekk jogħġġobkom imlewha*] jiddaħħal L-Artikolu 1a.

“Artikolu 1a

Sal-31 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni għandha tikkonkludi r-rieżami ta' pajjiżi terzi li mhumiex identifikati bħala suġġetti għal sejħiet għal azzjoni jew monitoraġġ akbar mill-FATF, iżda li s-sħubija tagħhom fl-FATF ġiet sospiża, biex tivvaluta jekk temendax l-Anness tar-Regolament Delegat (UE) 2016/1675 kif xieraq.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fl-għoxrin jum wara dak tal-publikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċċali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 8.7.2025

*Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN*